



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Frar 2022
(OR. en)

5910/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0022(NLE)

AELE 4
EEE 4
N 3
ISL 3
FL 3
MI 75
ENER 39

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 33 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 33 final.

Mehmuż: COM(2022) 33 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.2.2022
COM(2022) 33 final

2022/0022 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE**

(Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ŻEE

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE") jiggarrantixxi drittijiet u obbligi ugwali fis-Suq Intern għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Huwa jipprevedi l-inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-UE li tkopri l-erba' libertajiet fit-30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f'oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-educazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, li kollettivament huma magħrufa bħala politiki "ta' appoġġ u orizzontali". Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994. L-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija parti fil-Ftehim.

2.2. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta' fehmiet marbuta mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b'konsens. Ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet taż-ŻEE fuq in-naħa tal-UE hija tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mistenni jadotta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ("l-att previst") rigward l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.

L-għan tal-att previst huwa li jinkorpora d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Energija¹ ("l-EPBD") fil-Ftehim ŻEE.

L-att previst isir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni tippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Ladarba tiġi adottata, jenħtieġ li l-pożizzjoni tiġi ppreżentata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mal-ewwel opportunità.

Il-kontenut u n-natura tal-abbozz tad-Deċiżjoni annessa tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jmorru lil hinn minn dawk li jistgħu jitqiesu bħala sempliċi adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

Id-Deċiżjoni annessa tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tinkludi, fost l-oħrajn, l-adattamenti li ġejjin:

¹ ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

Minħabba l-ispeċifitàjiet tal-istokk tal-bini relattivament reċenti u uniformi tal-Iżlanda, qed tiġi proposta eżenzjoni temporanja u kondizzjonali mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Fl-Iżlanda, 99,9 % tal-elettriku u 98 % tat-tisħin tal-post huma koperti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali. Fil-każ tal-Iżlanda, għalhekk, il-miżuri biex titjieb l-effiċjenza enerġetika tal-bini ma jkollu prattikament l-ebda impatt fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew is-sigurtà tal-enerġija.

F'konformità mad-daqs żgħir ħafna tal-istokk tal-bini fil-Liechtenstein u t-tipoloġija klimatika u tal-bini tiegħu, huwa ssuġġerit li l-Liechtenstein jiġi eżentat mill-obbligu li jwettaq il-kalkoli tiegħu stess għall-istabbiliment ta' livelli kostottimali ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini f'konformità mal-Artikolu 5 tal-EPBD.

Huwa propost ukoll li n-Norveġja u l-Liechtenstein ikunu jistgħu jstipulaw regolamenti dwar ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku bl-użu ta' limitu tas-sistema differenti mill-użu tal-enerġija primarja li huwa dak meħtieġ skont l-EPBD, sakemm, madankollu, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1(c) ta' din id-Deċiżjoni.

Sabiex jiġi żgurat li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment enerġetiku operata mill-utenti fin-Norveġja tipproduċi riżultati ekwivalenti għaċ-ċertifikati maħruġin minn esperti indipendenti kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-EPBD, huwa propost l-adattament skont l-Artikolu 1(d).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll strumenti mingħajr effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*².

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. L-att li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 f'dak li jirrigwarda l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-baży ġuridika sostantiva tal-att legali tal-UE li jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern fl-enerġija.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikoli 194(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim taż-ŻEE, huwa xieraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

(Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁴ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV tal-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali.
- (3) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("l-EPBD") trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) L-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

³ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁴ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁵ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President